TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Ylenia Denise Balzan**

**Vs**

**Conrad Axisa**

**CCT 80/23/MM**

**Illum,** 9 tal Settembru 2024

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fl-10 ta' Mejju 2023 fejn talbet is-somma ta' tmien mija u ħamsa u tmenin ewro (€885), rappreżentanti depożitu li hija ħallset bħala depożitu għal xogħol ta' fotografijali kellu jsir fil-jum tat-tieġ tagħha.

Illi l-intimat, ma ġiex notifikat bl-avviz tat-talba u tas-smiegħ, u għalhekk dan it-Tribunal awtorizza n-notifka bil-proċedura "tal-affissjoni", li tfisser notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kodici ta'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi matul is-seduta tas-16 ta' Jannar 2024, lir-rikorrenti ppreżentat kopja informali li turi li l-atti ġew notifikati lill-intimat. Għalhekk it-Tribunal irid jiddetermina jekk l-intimat huwiex kontumaċi. Illi fuq tema legali, l-Qorti tal-Appell Superjuri fil-kawża fl-ismijiet Noel Calleja et v. Middle Sea Valletta Life Assurance, deċiża fid-29 ta' Jannar 2005 ingħad "L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-

xilja u t-talba da parti tal-attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa għall-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali. Maż-żmien il-qrati Maltin iddeċidew li r-rigorozita` tal-proċedura għandha tiġi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min naħa tal- persuna mħarrka li jista' jammonta għall-ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumaċja titqies bħala waħda ġustifikata. Di fatti l-ġurisprudenza interpretattiva stabbiliet ċertu fatturi li jirrendu l-kontumaċja mhux ġustifikabbli. Dawn huma fil-każ li l-kontumacja: kienet volontarja jew kolpuża; jew priva minn kawża ġusta; jew mankanza ta' impediment legittimu da parti tal-imħarrek li kien poġġa lill-istess fl-impossibilita` jew f'diffikulta` gravi li jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu; jew ma kienx każ ta' żball invinċibbli."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Market Handle Limited (C-49546) vs. Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited (C – 17421); Elaine Sant Galea u Alfa Company Limited deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar 2012, ingħad li "Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (ċ) li jeħtieġ li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha jrid ikun dak li bnadi oħra ssejjaħ bħala una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonalibiss, waħda morali". (Ara wkoll App. Ċiv: 12.12.1975 fil-kawża fl-imsijiet Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi; u l-kawża fl-ismijiet Joseph Naudi Montaldo noe vs Emmanuel Xuereb deċiża mill- Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 1995). Illi fil-kawża fl-ismijiet Beacom vs Spiteri Staines deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 1993 (Kollez. Vol: LXXVII.iii.195) ingħad

"Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja b'tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l- aħħar żminijiet u għarfu u fissru bejn dik il-parti mħarrka li turi disinteress assolut u l-oħra li turi kull fehma li tikkontesta l-kawża u li ma laħqitx għamlet dan jew ma laħqitx użat il-mezzi li tagħtiha l-liġi għal raġuni li ma kinitx taħti għaliha. (Ara wkoll il-kawża fl-ismijiet Francis Cutajar et vs Mariano Farruġia et deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Mejju 2011).

Illi matul is-seduta tas-16 ta' Jannar 2024, it-Tribunal ordna li r-rikorrenti tippreżenta d-dokumentazzjoni oriġinali fi żmien gimgħa sabiex tiġi verifikata n-notifika. It-Tribunal ma jistax jikkonferma jekk il-proċedura ġiet segwita kif trid il-liġi stante li m'hemmz kopja tal-avviż li kellu jsir fil-Gazetta tal-Gvern u l-avviż li kellu jsir f'xi ġurnal lokali ieħor. Illi r-rikorrenti ma ppreżentatx Dokumenti li tikkonvinċi lit-Tribunal li n-notifika saret kif trid il-liġi. Għalhekk għal effetti kollha tal- liġi, it-Tribunal ma jistax iqis li l-konvenut ġie notifikat bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3). F'dan l-istadju, it-Tribunal sejjer jagħmel referenza għal dak li ntqal mil-Qorti tal-Appell fil- kawża Three Barrels Ltd. v. Schembri et, deciza fit-13 ta' Lulju, 2001, dwar il-ħtieġa li l-proċedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tigi segwita rigorozament: "Dan l-artikolu jimponi tassattivament minimu ta' tlett elementi biex jigi assigurat in-notifika ta' att bil-procedura hekk imsejjha "tal-pubblikazzjoni" jew "ta' l-affissjoni". (a) Il-Qorti tista' tordna li notifika ssir billi titwahhal kopja ta' l-att fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali; (b) illi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta; (c) illi l-iskrittura jew att jinhargu f'gurnal ta' kuljum, wiehed jew aktar minn wiehed, skond kif il-Qorti tiddeciedi. Dawn it-tlett modalitajiet kif l-iskrittura jew l-att kellhom jingiebu a konjizzjoni tal-persuna notifikanda kellhom jigu attwati t-tlieta flimkien, u f'dan ir-rigward il-konguntiv "u" ghandu jinghata l-piz shih tieghu. Ma' dawn it-tlett rekwiziti ghan-notifika valida permezz ta' din il-procedura kellu jizdied rekwizit iehor, ukoll mehtieg ad validitatem, "meta jkun possibbli jekk il-post ta' residenza jkun maghruf ", illi titwahhal kopja ta' l-iskrittura jew att mal-bieb ta' dik ir-residenza. Jekk ma jigix provat illi jkun sar dak li l-ligi

tesigi bhala minimu ghal notifika valida fit-termini tas-subinciz 3 ta' l-artikolu 187, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-ligi."

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawża.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti ikkummisjona lill-intimat sabiex jagħmel xogħoli ta' fotografija fil-jum tat-tieġ tagħha. Ir-rikorrenti bagħtet email lill-intimat fis-21 ta' Frar 2023, fejn talbitu konferma li kien se jonora l-obbligi tiegħu u talbet risposta sal-24 ta' Frar 2023, fejn iddikjarat il-ħtieġa li tagħmel arranġamenti oħra jekk ma tasalx risposta sal-jum indikatt. Illi l-intimat irrisponda fl-1 ta' Marzu 2023, fejn ikkonferma li kien se jonora l-obbligi tiegħu. Din ir-risposta, għalkemm saret wara l-24 ta' Frar 2024, ma tikkostitwixxix nuqqas ta' komunikazzjoni jew rifjut kategoriku biex l-intimat iwettaq is-servizzi miftiehma.

It-Tribunal ser jikkunsidra jekk il-perjodu ta' tlett ijiem mogħti mir-rikorrenti biex tasal risposta kienx raġonevoli. Fil-fehema tat-Tribunal u tenut kont tal-ħajja magħġġla, perjodu ta' tlett ijiem ma jistax jitqiesx bħala raġonevoli.

Illi d-deċiżjoni tar-rikorrenti li titlob lura d-depożitu kienet ibbażata primarjament fuq smigħ ta' reviżjonijiet negattivi dwar is-servizzi tal-intimat. Madankollu, ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza li r-rikorrenti kellha esperjenza diretta negattiva mal-intimat. Huwa importanti li wieħed jinnota li l-kancellazzjoni ta' ftehim kuntrattwali bbażata biss fuq dak li ntqal (bad rewiews) minflok ksur tal-kuntratt jew prestazzjoni fqira ma tikkostitwixxix raġuni valida biex il-ftehim jiġi terminat unilateralment u biex jintalab rimborż tad-depożitu. Id-depożitu ma jkunx

rimborsabbli sakemm il-fornitur tas-servizz ma jonqosx milli jwettaq id-doveri tiegħu jew ikun hemm ksur ċar tal-kuntratt. F'dan il-każ, l-intimat ikkonferma l-intenzjoni tiegħu li jonora l-ftehim, u m'hemm l-ebda evidenza li tissuġġerixxi li huwa ma kienx se jipprovdi s-servizzi kif miftiehem.

Illi r-rikorrenti ssostni li għamlet arranġamenti alternattivi bejn l-24 ta' Frar 2023 u l-1 ta' Marzu 2023. Illi filwaqt li għar-raġuni spjegata fil-paragrafu preċedneti din m'għandix relevanza, madankollu, t-Tribunal iġoss li għandu jinnota li ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza biex tissostanzja dan u li għalhekk kellha bżonn ġenwin li titlob il-flus lura.

**Ikkunsidra**

Illi t-Tribunal għandu wkoll dubju serju ieħor dwar l-istess notifika. Illi it-Tribunal jinnota li l-kawza qegħda ssir kontra l-intimat u ċioe' persuna naturali. Jidher mill-atti u li fil-fatt is-servizz kien qed jiġi pprovdut minn Pinkish Line Wedding Services Limited. Għalhekk l-intimat mhux il-legittimu kontradittur stante li l-azzjoni attrici kellha ssir kontra ss-socjeta' li magħha sar in-negozju. Illi minkejja dan, pero' r-rikorrenti għażlet illi tfittex lill-konvenut fil-kwalita' tiegħu personali. Illi l-kuntratt u l-irċevuta tad-depożitu juru b'mod ċar li n-negozju qed isir bejn l-attriċi u l-partner tagħha (li mhux parti minn din il-kawża minkejja li għandu interess ġuridiku għall-integrita tal-ġudizzju) u Pinkish Line Wedding Services Limited. Illi għalhekk, jirrizulta ċar illi l-attriċi kienet taf mill-bidu nett illi kienet qeghda tittratta ma' socjeta' ta' responsabbilta limitata. Illi dan ikompli joħroġ fil-beraħ anki min-nota preżentata mir-rikorrenti li tinkludi screenshots meħuda mis-sit tal-MBR b'referenza għas-soċjeta' Pinkish Line Wedding Services Limited.

Fuq din il-kwistjoni, l-Qorti ssib il-konfort ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru, 1999, fl-ismijiet Anthony Caruana vs John Magro Et fejn il-Qorti qalet, "Din il-Qorti

jidhrilha li l-konvenut ma rnexxilux jipprova sodisfacentement illi huwa mhux obbligat personalment li jhallas il-kreditu tas-socjeta' attrici. Fi kliem iehor, ma jirrizultax sodifacentement illi meta l-konvenut innegozja mas-socjeta' attrici a tempo vergine, hu gab a konjizzjoni taghha li huwa kien qieghed jixtri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' u li din is-socjeta' biss kienet obbligata ghall-hlas."

Għalhekk, meta sa mill-bidu jkun evidenti u ppruvatx li l-parti kienet taf li mhux qed titratta ma persuna naturali iżda ma soċjeta' kummerċjali, ma tistax imbad tagħmel l-azzjoni kontra l-persuna naturali.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, it-Tribunal jikkonkludi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti.

Ghal motivi senjalati dan it-Tribunal qed tjiddeċiedi l-kawża u wara Ii qies ic-cirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qiegħad jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**